PAĠNA VOJTA



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

## NOVEMBRU 2022

**Ħin: 09:00 – 10:00 (Siegħa)**

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

| | |
|---|---|
| 50. | Ⓐ Ⓑ ● Ⓓ |

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**TAQSIMA A: Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

**Ġenna tal-Art!**

Kont għadni mgeddes id-dar għax ħassejt il-bard. Hekk kif qaleb nofsinhar, l-irxiex tax-xita u r-riħ waqfu ħesrem u r-raġġi tax-xemx ħarġu minn bejn is-sħab griż u t-temp donnu qagħad. Għalhekk iddeċidejt li nieħu ftit arja u ħriġt fil-ġnien.

L-arja fil-ġnien kienet friska, imfewħa bir-riħa tal-larinġ miżgħud bil-frott. Waqt minnhom, minn taħt il-għajn, rajt u smajt larinġa taqa'. Bumm! għamlet, u terz minnha għodos fil-ħamrija ratba u mxarrba. Madwarha kien hemm ftit larinġ mhux ħażin li kien waqa' bir-riħ mal-lejl. Kif rajt hekk, mort ġibt l-imqass taż-żabra u bdejt naqta' li kien fadal fis-siġar. Issa kien daħal iż-żmien. Il-weraq kien għadu mxarrab u jċarċar il-qtar tal-ilma tax-xita. Kemm-il darba kelli nogħla fuq ponot subgħajja u nixxabbat biex nilħaq xi larinġa fil-għoli. F'kemm ili ngħidlek, imlejt qoffa ġmielha.

Iż-żarbun imlejtu bil-ħamrija. Waqaft u naddaftu kif stajt billi għorokt il-qiegħ maċ-ċangatura tal-passaġġ. Poġġejt fuq ġebla nħares lejn din il-ġenna tal-art.

Mill-qoffa, għażilt larinġa mdaqqsa u qaxxartha b'difrejja. Kienet mimlija meraq. Qsamtha fi flieli u bdejt nikolha bil-mod, niggosta t-togħma bnina tagħha. Kienet larinġa qarsa milli nħobb jien.

U bdejt naħseb...larinġa hi dejjem imfittxija għax issaħħek. Min jaf kemm tajna borża larinġ bħala rigal meta nżuru xi marid. Dan għaliex il-larinġa Maltija għandha togħma unika, togħma bnina li tixhed l-art u l-klima ta' artna. Meta tagħsarha u tixrob il-meraq tagħha, din timliek bil-ħlewwa. Għalija, larinġa hi l-frotta simbolu ta' dak kollu li hu Malti.

*(adattament ta' silta minn blogg elettroniku ta' Godfrey Farrugia)*

**Il-mistoqsijiet**

1. L-awtur baqa' ma ħariġx mid-dar dakinhar għax
   a) ried jaqta' l-larinġ
   b) ma kienx xogħol
   ċ) kien il-maltemp
   d) kellu n-nies ġejjin.

2. Il-frażi **'waqfu ħesrem'** fis-silta tfisser li
   a) waqfu bil-mod il-mod
   b) waqfu f'daqqa
   ċ) ma waqfu xejn
   d) għamlu ħafna storbju.

3. Il-frażi **'t-temp donnu qagħad'** fis-silta tfisser li
   a) ibbnazza għal tul ta' ħin
   b) daqqa bnazzi u daqqa maltemp
   ċ) baqa' bil-maltemp il-ħin kollu
   d) l-ajru baqa' biss bix-xita rxiex.

4. L-awtur ħareġ fil-ġnien bil-ħsieb li
   a) jaqta' l-larinġ
   b) jiġbor il-larinġ li kien waqa' bil-maltemp
   ċ) ipejjep sigarett
   d) jistrieħ ftit.

5. L-għerq tal-verb **'għamlet'** huwa
   a) GĦ_M_L
   b) GĦ_L_M
   ċ) GĦ_M_L_T
   d) M_GĦF_T_L_.



PAĠNA VOJTA

PAĠNA VOJTA



6. Fil-frażi **'L-arja fil-ġnien kienet friska'** l-aġġettiv huwa
   a) fil-ġnien
   b) friska
   ċ) kienet
   d) l-arja.

7. Ngħidu: **Il-qtar iċarċar**, imma **l-qatra**
   a) iċċarċar
   b) iċarċċar
   ċ) ċċarċar
   d) iċċarrċar.

8. Il-frażi **'nogħla fuq ponot subgħajja'** fis-silta tfisser li l-awtur kellu
   a) jitbaxxa ħafna
   b) jixxabbat fil-għoli
   ċ) jmiss is-siġra bil-ponot ta' subgħajh
   d) jitla' fil-għoli b'sellum.

9. L-awtur naddaf iż-żarbun billi
   a) mesħu b'ċarruta
   b) naddfu mal-art tal-passaġġ
   ċ) naddfu bl-imqass taż-żabra
   d) mesħu ma' bank fil-passaġġ.

10. Il-plural ta' **qiegħ** huwa
   a) qiegħijiet
   b) qigħan
   ċ) qiegħan
   d) qijan.

11. Liema kelma hija **nom bi pronom mehmuż**?
   a) imlejtu
   b) qaxxartha
   ċ) difrejja
   d) għalija.

12. L-awtur kiel il-larinġa bil-mod għax
   a) ma kienx mgħaġġel
   b) ma kellux ħliefha
   ċ) ried japprezza t-togħma tagħha
   d) kienet kiesħa billi kienet barra.

13. Minn **żabra** nagħmlu **żbir** u minn **marda** nagħmlu
   a) marid
   b) morda
   ċ) marradi
   d) mard.

14. Agħżel il-frażi li turi li l-awtur seta' kien tabib.
   a) Larinġa mfittxija għax issaħħek
   b) Togħma bnina li tixhed il-klima Maltija
   ċ) Timliek bil-ħlewwa
   d) Simbolu ta' dak kollu li hu Malti.

15. Il-plural ta' **'qoffa'** huwa
   a) qfif
   b) qffif
   ċ) qfie
   d) qoffijiet.

**15 x 2 marki = 30 marki**

**TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:**

Nasir huwa wild familja ġejja minn pajjiż li jinsab fi stat ta' gwerra.

Jaf jikkomunika sewwa bl-Ingliż u qiegħed isir proficjenti sewwa fil-Malti. Hu student bravu li tista' tgħid jixrob kunċetti ġodda bla xkiel ta' xejn imma, minkejja dan kollu, kien riservat ħafna u bilkemm kien jipparteċipa waqt il-lezzjonijiet jew jagħmilha ma' xi ħbieb. Ma kien juri l-ebda interess fi sħabu tal-klassi u għalkemm dawn kienu jkellmuh waqt l-attivitajiet tal-klassi, ma kinux ifittxu l-kumpanija tiegħu waqt il-brejk. L-għalliema l-ġdida tiegħu, żagħżugħa taz-zokkor, riedet tinkludi iktar lil Nasir fil-ħajja tal-iskola u ddeċidiet li tkellmu. Nasir ma sab l-ebda diffikultà jikkomunika mal-għalliema tiegħu. Spjegalha li billi hu kien l-uniku student b'karnaġġjon skur kien qed isibha diffiċli sewwa xi drabi u stqarr li ma kienx iħossu kunfidenti biżżejjed biex jipparteċipa fil-klassi billi kien jemmen li jekk ma jkollux t-tweġiba tajba kien ser jiġi mwaqqa' għaż-żufjett u n-nuqqas ta' tagħlim tiegħu kien jiġi attribwit lir-razza tiegħu.

Jum fost l-oħrajn l-għalliema staqsietu jekk Nasir kienx iħossu komdu jiddeskrivi l-pajjiż li kien ġej minnu, flimkien mat-tradizzjonijiet, ikel u kultura tiegħu lil sħabu tal-klassi biex b'hekk isiru jafu aktar dwaru. Qaltlu li dal-eżerċizzju jista' jkun parti mis-sessjoni tal-Ġeografija billi kienet se ssemmi 'l pajjiżu fil-lezzjonijiet li jmiss. Nasir ħa gost b'dan u staqsa wkoll jekk ikunx jista' jdoqq mużika minn art twelidu – xi ħaġa li kien qiegħed iħoss bi kbir in-nuqqas tagħha. L-għalliema wrietu li flimkien kienu se jwasslu lezzjoni interessanti lill-bqija tal-klassi.

U hekk seħħ.

Biex il-lezzjoni ħadet xejra iktar interessanti omm Nasir bagħtet miegħu xi ftit tal-ħelu li jgħaxxi li kien popolari f'pajjiżha. Tgħidx kif indafru t-tfal tal-klassi u tgħidx kemm kien ferħan u ħassu importanti Nasir bit-tfal tal-klassi tiegħu jduru miegħu u jistaqsuh fuq din u l-oħra. U l-għalliema ħassitha sodisfatta bi kbir meta rat kemm il-lezzjoni rnexxiet kemm bħala tagħlim kif ukoll bħala mezz li qarrbet lil Nasir lejn sħabu.

**Il-mistoqsijiet**

16. "Ikellmuh" huwa
    a) verb fil-perfett
    b) verb kwadrilitteru
    ċ) verb nieqes
    d) verb tat-tieni forma.

17. Nasir kien
    a) iħobb il-mużika Taljana
    b) iffissat fuq il-pittura Maltija
    ċ) iħobb il-mużika ta' pajjiżu
    d) tifel bla gosti ta' xejn.

18. Liema frażi li tinstab fit-test innifsu tfisser "kellha attitudni ħelwa"?
    a) taz-zokkor
    b) brava
    ċ) miġbuda
    d) proficjenti

19. Skont is-silta liema minn dawn is-sentenzi hija t-tajba?
    a) It-tfal ifittxu lil Nasir waqt il-brejk.
    b) Nasir kellu relazzjoni tajba mal-għalliema.
    ċ) Nasir ma kienx kapaċi fit-tagħlim.
    d) Omm Nasir ġabet l-ikel lill-għalliema.



45. X'għamlu t-Torok ġol-Marsa?
    a) Fetħu tarzna għax-xwieni tagħhom
    b) Ħolqu korsa biex itellqu ż-żwiemel
    ċ) Stabbilew il-bażi prinċipali tal-armata Torka
    d) Fetħu ħwienet tax-xorb.

46. Liema Kap Kmandant tal-flotta Torka kellu jiddeċiedi x'ser jagħmlu?
    a) Mustapha it-Tieni
    b) Mustapha Pasha
    ċ) Mustapha Pierre
    d) Mustapha l-Kbir.

47. X'inhu l-plural ta' 'flotta'?
    a) Flotti
    b) Flottijiet
    ċ) Flotot
    d) Armada.

48. Liema minn dawn l-aġġettivi jiddeskrivi lill-flotta Torka?
    a) Enormi
    b) Imdaqqsa
    ċ) Żgħira
    d) Qadima.

49. X'ried l-Ammiral Piali'?
    a) L-użu tal-uffiċċju ta' La Vallette
    b) L-użu ta' Filfla
    ċ) L-użu tal-Imdina
    d) L-użu ta' Marsamxett.

50. X'ordna Mustapha?
    a) Il-ħakma ta' Sant Jiermu
    b) Muniti tad-deheb għal flotta kollha
    ċ) Tlett ijiem vaganza għall-ġellieda kollha
    d) Passaġġ b'xejn għal Istanbul.

**(20 x 2 marki = 40 marka)**

**TMIEM**

36. Liema minn dawn il-verbi nsibuhom fl-ewwel paragrafu?
a) Dehret
b) Għamlet
ċ) Ħadmet
d) Kabbret.

37. Kemm kienu jgħoddu l-forzi f'idejn La Vallette?
a) 6,000
b) 9,000
ċ) 18,000
d) 27,000.

38. Kif kienu qed iħossuhom id-difensuri ta' Malta?
a) Imwerwrin
b) Ferħanin
ċ) Beżgħana
d) Mimlija kuraġġ.

39. Qabel ma beda l-Assedju l-Kbir x'kien iddecida La Vallette?
a) Li id-difiża għandha ssir minn wara l-postijiet iffortifikati
b) Li kien ikun aħjar jekk iċedu
ċ) Li jkun aħjar jekk jitlob l-għajnuna tal-Ewropej
d) Li it-tfal u n-nisa kienu ser jintalbu jiġġieldu.

40. Lejn fejn ġibdet il-flotta Torka wara li telqgħet minn Għajn Tuffieħa?
a) Menqa
b) Marsalforn
ċ) Marsascala
d) Marsaxlokk.

41. Wara li t-Torok waslu Marsaxlokk liema kien l-ewwel villaġġ li avvanzaw fuqu?
a) Iż-Żurrieq
b) Iż-Żejtun
ċ) Ħaż-Żabbar
d) Ħaż-Żebbuġ.

42. Min offra reżistenza meta t-Torok ħabtu għaż-Żejtun?
a) Stakkament ta' Kavallieri
b) Il-bdiewa tar-raħal
ċ) Gruppi ta' reżistenza
d) Grupp ta' merċenari.

43. X'kienu l-fortifikazzjonijiet li l-awtur qed jirreferi għalihom fil-passaġġ?
a) Djar antiki
b) Torrijiet
ċ) Is-swar
d) Ħitan tas-sejjieħ.

44. X'għamlet id-diviżjoni Torka?
a) Kisret għall-Imdina
b) Kisret għal Belt
ċ) Kisret għal Ħal-Luqa
d) Kisret għal ġol-Marsa.



20. Nasir ma kienx jieħu sehem waqt il-lezzjoni għax
a) kien jibża' li jiżbalja u hekk jaqa' għaċ-ċajt fil-klassi.
b) ma kienx intelliġenti
ċ) ma kienx ikun irid
d) għax l-għalliema kienet tiksru.

21. Nasir kien l-uniku student
a) bravu fil-klassi
b) b'ġilda samranija
ċ) li ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliż
d) ma kellux imħabba lejn pajjiżu.

22. X'għandhom komuni l-kelmiet **diffikultà** u **interess**?
a) It-tnejn verbi
b) It-tnejn partiċipji
ċ) It-tnejn aġġettivi
d) It-tnejn nomi.

23. Liema frażi li turi li f'art twelid Nasir ma kienx hemm paċi:
a) attribwit lir-razza tiegħu
b) kultura tiegħu
ċ) fi stat ta' gwerra
d) ma kienx kunfidenti.

24. Il-kelma "profiċjenti" tfisser:
a) kapaċi
b) bla tagħlim
ċ) imħawwad
d) ma jafx jispelli.

25. Liema frażi minn dawn ta' hawn taħt toqgħod flok "**xkiel**"?
a) ħila
b) kalibru
ċ) sapport
d) tfixkil.

26. Xi jġiegħlek taħseb li l-ħelu li bagħtet omm Nasir għoġob lit-tfal?
a) It-tfal kollha jħobbu l-ħelu
b) It-tfal kienu mġewħin
ċ) It-tfal indafru sewwa
d) Il-ġenituri tat-tfal ma kinux jagħmlulhom ħelu.

27. L-għalliema talbet lil Nasir jiddeskrivi lil pajjiżu
a) wara l-brejk
b) waqt il-lezzjoni tal-Ġeografija
ċ) meta jrid hu
d) waqt l-assembly tal-iskola.

28. Jekk minn **qarreb** nisiltu **qarrbu**, minn **għajjar** nisiltu
a) għajru
b) għajjru
ċ) agħjru
d) mgħajjar.

29. X'riedet tfisser l-għalliema meta staqsiet lil Nasir jekk ikunx komdu jiddeskrivi lil pajjiżu?
   a) Jekk is-siġġu ta' Nasir kienx komdu
   b) Jekk Nasir kienx jaf iwassal dak li ried jgħid bil-Malti
   ċ) Jekk kienx isib diffikultà biex jitkellem dwar pajjiżu
   d) Jekk kienx jaf sewwa lil pajjiżu.

30. Liema kelma hija mnissla mit-Taljan?
   a) għalliema
   b) tweġiba
   ċ) popolari
   d) irnexxiet.

**(15 x 2 marki = 30 marka)**



**Taqsima Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:**

Fit-18 ta' Mejju, 1565, il-flotta Torka dehret fuq ix-xefaq tal-Lvant ta' Malta. Kienet tikkonsisti f'190 xini b'madwar 30,000 persuna abbord. Il-flotta daret qajla qajla man-nofsinhar tal-gżira u sorġiet fid-daħla ta' Għajn Tuffieħa. Din kienet mossa biex tbeżża' d-difensuri u fl-istess ħin tiġbidhom lejn it-tramuntana tal-gżira.

Biżgħa kien hemm, iżda kienet bħal dehxa li tgħaddi, għax id-difensuri kienu jafu x'hemm lest għalihom. Il-mossa wkoll falliet għax La Valette kien diġa' ddeċida li d-difiża għandha ssir minn wara l-postijiet iffortifikati. Il-forzi f'idejh kienu jgħoddu mad-9,000 ruħ.

L-għada maż-żernieq, il-flotta Torka bdiet ħierġa minn Għajn Tuffieħa u ġibdet għal Marsaxlokk. L-invażjoni bdiet. It-Torok avvanzaw fuq iż-Żejtun. Ħaduh. Stakkament ta' Kavallieri ngaġġhom iżda kellu jirtira quddiem forza ferm superjuri fin-numru. La Vallette kompla jikkonferma li l-aħjar tiqfilhom minn wara l-fortifikazzjonijiet.

Diviżjoni Torka kisret għal ġol-Marsa u hemm stabbiliet il-bażi prinċipali tal-armata Torka.

Il-Kap Kmandant, Mustapha Pasha, kellu jiddeċiedi x'se jagħmel. L-Ammiral Piali'(li kien jiġi mill-familja rjali Torka) ried li l-flotta tiegħu tingħata l-użu ta' Marsamxett, għax hemm tkun iżjed għall-irdoss. Iżda Marsamxett ma seta' qatt jintuża mill-flotta Torka sakemm il-Forti Sant' Jiermu jibqa' f'idejn il-Kavallieri.

Mustapha iddeċida li jikkuntenta 'l Piali' u ordna l-ħakma ta' Sant Jiermu.

**Il-mistoqsijiet**

31. Meta dehret fuq ix-xefaq il-flotta Torka?
   a) Fit-18 ta' Mejju 1565
   b) Fit- 18 ta' Marzu 1565
   ċ) Fit -18 ta' April 1565
   d) Fit-18 ta' Mejju 1564.

32. F'liema naħa ta' Malta dehret il-flotta Torka?
   a) Fuq it-Tramuntana
   b) Fuq il-Majjistral
   ċ) Fuq il-Lvant
   d) Fuq il-Punent.

33. Kemm kellha xwieni il-flotta Torka?
   a) 180
   b) 190
   ċ) 200
   d) 170.

34. Kemm suldati kellhom it-Torok?
   a) 9,000
   b) 15,000
   ċ) 60.000
   d) 30,000.

35. Fejn sorġiet għall-ewwel il-flotta Torka?
   a) F'Għajn Rażul.
   b) Ġewwa Għajn Dwieli.
   ċ) Fid-daħla ta' Għajn Tuffieħa.
   d) Miġra l-Ferħa.